# FIL- PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 26 ta’ Marzu 2024**

**Rikors numru 18/2024**

**Carmen Spiteri (KI 0465460M)**
**vs.**
**Joseph Spiteri (KI 0570155M)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta’ **Joseph Spiteri (KI 0570155M)** datat 8 ta’ Frar 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar il-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv bin-numru 230/2022 għall-ammont ta’ €37,207.80 li kien akkordat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta’ Diċembru 2022 u dan peress li permezz ta’ ċedola ta’ depożitu numru 80/2023 tat-13 ta’ Jannar 2023 il-kuraturi deputati kienu diġa naqsu l-ammont ta’ €37,207.80 minn somma maġġuri li kienet tirrappreżenta s-sehem dovut lilu mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond matrimonjali li kellu mal-eżekutanta u dan in segwitu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Diċembru 2018, liema somma kienet diġa ġiet allura mnaqsa[1] peress li l-BNF Bank p.l.c. kien ġie notifikat bl-imsemmi mandat ta’ sekwestru eżekuttiv tas-26 ta’ Diċembru 2022. Joseph Spiteri jgħid li allura dan l-ammont ta’ €37,207.80 kienu allura diġa ġew imħallsin lil Carmen Spiteri biex b’hekk ma kienx għad hemm iżjed ħtieġa li l-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv jibqa’ fis-seħħ.

[1] Fil-fatt f’dik iċ-ċedola huwa rċieva l-ammont nett ta’ €12568.23 wara li tnaqqsu wkoll l-ispejjeż u drittijiet marbuta mal-imsemmija ċedola fl-ammont ta’ €179.28.

Rat ir-risposta ta' **Carmen Spiteri (KI 0465460M)** li permezz tagħha hija rrikonoxxiet li għalkemm bl-imsemmija ċedola ta' depożitu 80/2023 ġew ridotti €37,207.80 minn sehem Joseph Spiteri u debitament depożitati taħt l-awtorita tal-Qorti, b'daqshekk dan ma kienx ifisser li Carmen Spiteri kienet tħallset l-ammonti kollha dovuti lilha. Dan peress li wara li kienet saret dik iċ-ċedola ta' depożitu numru 80/2022 mill-kuraturi deputati favur Joseph Spiteri u minn fejn allura ġew imnaqsa l-ammont ta' €37,207.80 mill-bilanċ dovut lil Joseph Spiteri, meta l-BNF Bank p.l.c minn naħa tiegħu imbagħad iddepożita l-ammont ta' €37,207.80 fir-Reġistru ta' din il-Qorti biċ-ċedola tad-depożitu numru 11/2023 tas-7 ta' Frar 2023 huwa kien kostrett inaqqas l-ammont ta' €534.44 li kienu jirrappreżentaw l-ispejjeż u drittijiet marbuta ma' dik il-proċedura taċ-ċedola ta' depożitu. B'hekk Carmen Spiteri setgħet allura tirtira l-ammont ta' €36,673.36 u mhux l-ammont sħiħ dovut lilha ta' €37,207.80.

Allura, għalkemm Carmen Spiteri stqarret li fid-dawl ta' dak id-depożitu hija ma kellhiex oġġezzjoni li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 230/2022 jiġi ridott, mill-banda l-oħra dan kellu jibqa' effettiv għall-ammont ta' €534.44 u dan salv imgħaxijiet u spejjeż ulterjuri fuq l-istess mandat. Intant Carmen Spiteri kompliet tipprotesta ruħha dwar l-ispejjeż ta' din l-istanza in kwantu ssostni li hija ma ġietx interpellata minn Joseph Spiteri qabel ma' dan intavola din il-proċedura għar-revoka ta' dak il-mandat; anzi żżid li din il-proċedura kienet waħda f'sensiela ta' proċeduri ġudizzjarji li Carmen Spiteri tqis li kienu intiżi biss biex jivvessawha peress li Joseph Spiteri ma setgħax jaċċetta li l-Qorti tal-Appell qatgħet is-sentenza favur tagħha.

Rat l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fejn, b'żieda ma dak mistqarr fl-atti miktuba preżentati minnhom preċedentement, il-partijiet rispettivi in suċċint qalu s-segwenti:

A. Joseph Spiteri sostna li fir-risposta tagħha Carmen Spiteri kienet irrikonoxxiet u aċċettat li l-ammont pretiż fil-mandat ta' sekwestru kellu jiġi ridott sal-ammont ta' €534.44. Iżda sostna li l-atti u ċ-ċedola kienu juru li l-mandat kollu li kellu jiġi revokat kompletament. Igħid li l-ammont ta' €534.44 li kienet qed tirreklama Carmen Spiteri kienu l-ispejjeż taċ-ċedola tad-depożitu datata 7 ta' Frar 2023, li kienet iġġib in-numru 11/2023. Allura Joseph Spiteri sostna li ma kienx legalment possibbli li wieħed jgħabbi kreditu fuq titolu eżekuttiv jekk dak il-kreditu ma jkunx konstatat u marbut ma dak it-titolu eżekuttiv u saħħaħ dan b'riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti

diversament presjeduta nhar is-17 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Artijiet vs. Joshua Zammit.**[2] Qal li ma jistax jingħad li l-ispejjeż li ħarġu fuq iċ-ċedola ta' depożitu tas-7 ta' Frar 2023 kienu jaqgħu taħt il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv li nħareġ fuq rikors preżentat xahrejn qabel. Huwa jżid li l-ewwel ikollok it-titolu u mbagħad toħroġ il-mandat eżekuttiv; u l-ammont li kien ikopri l-mandat odjern kien jolqot spejjeż għal perjodu partikolari. Huwa jikkonkludi li s-sekwenza kienet rilevanti u għalhekk il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv kellu jiġi revokat in toto.

B. Minn naħa tagħha Carmen Spiteri wieġbet li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv kien inħareġ għal €37,207.80. Il-bank BNF iddepożita dak l-ammont u r-Reġistru żamm l-ammont ta' spejjeż u drittijiet, kif jirriżulta miċ-ċedola ta' depożitu relattiva. Dak ma kienx allura l-ammont sħiħ li kienet intitolata għalih Carmen Spiteri iżda kien parti għax l-ammont dovut lilha ma kellux ikun imnaqqas minħabba spejjeż. Tgħid li l-ammont ta' €534.44 ma kienux abbinati maċ-ċedola numru 80 tal-2023 li kienet saret favur ta' Joseph Spiteri meta huwa rċieva l-bilanċ dovut lilu mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond matrimonjali, iżda kienu spejjeż marbuta maċ-ċedola ta' depożitu magħmula mill-BNF Bank p.l.c. li daħlet meta dan il-Bank kien allura segwa l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv li bih kien ġie notifikat. Dan allura kien ifisser li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv kien għadu mhux sodisfatt kollu kif ukoll li l-ispejjeż inkorsi fuq iċ-ċedola numru 11/2023 fl-ammont ta' €534.44 kienu direttament marbuta mal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv u konsegwenti l-ħruġ tal-istess. Carmen Spiteri ttenni li ma kienetx topponi li dak il-mandat jiġi ridott; iżda ma setgħax jiġi imneħħi kollu kemm hu minħabba li dak l-ammont ta' €534.44 ma kienx kreditu li ġie wara iżda kien ammont ta' spejjeż li kien marbut mal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv fih innifsu. Iċ-ċedola numru 80 tal-2023 li biha Joseph Spiteri kien irċieva l-bilanċ dovut lilu ma kienetx ċedola li kienet direttament marbuta mal-imsemmi mandat iżda kienet marbuta mal-ħtieġa li l-ammont dovut lil Joseph Spiteri konsegwenti l-bejgħ tad-dar matrimonjali jiġi depożitati mill-kuraturi deputati li dehru fuq il-kutnratt de quo fl-interess tiegħu. B'hekk kien ammont li ġie depożitat fi proċedura separata minn dik tal-mandat per se. B'hekk tikkonkludi li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv de quo setgħa jitnaqqas sal-ammont ta' €534.44 iżda ma kienx il-każ li jitneħħa kollu. Tagħlaq billi tgħid li kieku Joseph Spiteri interpellaha biex tirriduċi dak il-mandat, Carmen Spiteri kienet lesta li tagħmel dan,

[2] rikors numru 1324 tal-2023.

mingħajr il-ħtieġa li ssir din il-proċedura għar-revoka tal-mandat de quo.

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn din il-Qorti qegħda titratta u tiddekreta dan ir-rikors anke jekk it-terminu statutorju msemmi fl-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta skada għal raġunijiet ampjament riportati fil-verbali tas-seduti miżmuma f'dan il-każ. Il-Qorti qegħda tagħmel dan fuq l-iskorta ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell f'**Daniela Wörz debitament rappreżentata mill-mandatarja speċjali tagħha l-avv. Sarah Sultana (K.I. 12581M) vs. Mr Green Limited (C-43260)** deċiż nhar l-14 ta' Marzu 2024 u minn pronunzjamenti preċedenti bħal **Annette MEIER vs Speranza GATT, Joseph Gatt, Carmelo Gatt, Miriam Gatt, Philip Gatt, Paul Gatt, Alexandra Caruana u William Gatt** dekretat minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 ta' Settembru 2019. Similment tqis li r-rwol tagħha huwa li tiddeċiedi u mhux tastjeni jew tfarfar minn fuqha r-responsabilita deċiżjonali sempliċiment għaliex persuna intimata ma tkunx ġiet notifikata bl-atti fiż-żmien statutorju jew minħabba raġunijiet oħra.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

F'dan il-każ hemm qbil li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv ma għandux jibqa' fis-seħħ kif qiegħed bħalissa. Joseph Spiteri jgħid li għandu jiġi mħassar kompletament, mentri Carmen Spiteri tqis li għandu jiġi mħassar in parti.

Din il-Qorti taqbel li ma hemmx lok li dan il-mandat jibqa' fis-seħħ għall-ammont sħiħ. Fil-verita, lil Joseph Spiteri diġa tnaqqsulu €37,207.80 mill-ammont li kien dovut lilu. Iżda dan l-ammont ma ġiex imħallas internament lil Carmen Spiteri. Ġara li meta l-Bank BNF iddepożita l-ammont ta' €37,207.80 li kien qiegħed iżomm f'isem Joseph Spiteri fis-7 ta' Frar 2023, ġew imnaqsin minnhom l-ammont ta' €534.44 rappreżentanti l-ispejjeż u drittijiet dovuti fuq dik iċ-ċedola ta' depożitu partikolari.

Dan l-ammont ta' €534.44 ġew inkorsi minħabba li kellu jsir dan id-depożitu in segwitu għal mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ minn Carmen Spiteri fis-26 ta' Diċembru 2022. Ma jirriżultax li Carmen Spiteri ħarġet dan il-mandat mingħajr jedd jew abbużivament. Carmen Spiteri kellha dritt li tirċievi l-ammonti dovuta lilha mingħajr tnaqqis ta' dawn l-ispejjeż. B'hekk filwaqt li mhux ġust li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv

jibqa' fis-seħħ fl-intier tiegħu, biss dan għandu jibqa' fis-seħħ sal-ammont ta' €534.44 li għadhom iridu jitħallsu lil Carmen Spiteri.  Dan però bl-ebda mod ma għandu jinftiehem li din il-Qorti qegħda b'xi mod tillimita l-jedd ta' Carmen Spiteri li tirreklama ammonti oħra dovuti lilha f'imgħaxijiet u spejjeż, li però sal-ġurnata ta' dan id-digriet kienu għadhom ma ġewx kwantifikati minnha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Din il-Qorti innotat diġa li l-ammont ta' €37,207.80 kien diġa ġie mnaqqas lil Joseph Spiteri fit-13 ta' Jannar 2023.  Id-depożitu mill-BNF ta' dak l-ammont sar fir-Reġistru tal-Qorti fis-7 ta' Frar 2023.  Din il-proċedura għar-revoka tal-mandat tas-sekwestru eżekuttiv 230/2022 li minnu tnissel dak id-depożitu ġiet mibdija fit-8 ta' Frar 2024.  Iġifieri Joseph Spiteri kien baqa' marbut bis-sekwestru eżekuttiv għal sena sħiħa minn meta l-ammont reklamat minn Carmen Spiteri ġie mnaqqas mill-kontroll tiegħu u depożitat fil-Qorti.  Daqskemm ma nġabitx prova li Joseph Spiteri ħa xi azzjoni iżjed tempestiva minn dik intrapriża bir-rikors odjern qabel, minn naħa tagħha Carmen Spiteri ma jirriżultax li ħadet xi azzjoni biex tnaqqas l-effetti tal-mandat li kienet ħarġet hi stess fis-26 ta' Diċembru 2022 li allura, almenu sa' mit-8 ta' Frar 2023, ma kienx għad hemm lok li jibqa' fis-seħħ fl-intier tiegħu.  Dan għandu jkollu rikaduta fuq l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**KONKLUŻJONI**

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba ta' Joseph Spiteri b'mod parzjali billi tħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 230/2022 f'parti minnu biss biex b'hekk mill-ammont ta' sebgħa u tletin elf mitejn u seba' euro tmenin ċenteżmu (€37,207.80) li għalih ġie maħruġ il-Qorti qegħda tirriduċih u allura fl-isfond tal-motivi premessi iżjed il-fuq tħallih fis-seħħ sal-ammont ta' ħames mija erbgħa u tletin euro erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€534.44).

L-ispejjeż ta' din l-istanza jinqasmu nofs b'nofs.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**